**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IX-XOGĦOL TAL-KAMRA**

**LAQGĦA NRU 4**

**L-Erbgħa, 19 ta' April 2023**

Il-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra ltaqa' fil-Kamra tal-Kumitati 3 fil-binja tal-Parlament, il-Belt Valletta, fit-3.06 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippreseda.

**PREŻENTI**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, u Kap tal-Kamra, l-Onor. Chris Fearne, il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri, is-Segretarju Parlamentari u Whip tal-Gvern, l-Onor. Andy Ellul, l-Onor. David Agius u l-Whip tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Robert Cutajar.

**MINUTI**

Il-Minuti tal-laqgħa nru 3 tas-17 ta' Jannar 2023 kienu approvati.

**XOGĦOL IEĦOR**

**Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati**

Fuq punt imqajjem mill-Onor. Robert Cutajar, id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa l-Onor. Chris Fearne informa lill-Kumitat illi min-naħa tal-Gvern il-proċess ta' reviżjoni tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra kien għaddej u li hekk kif dan jitlesta l-Gvern kien se javviċina lill-Oppożizzjoni.

**Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Abbozz Nru 28)**

Fuq talba tal-Onor. Robert Cutajar dwar meta l-Kumitat dwar il-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġijiet ser jibda jiddiskuti l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Abbozz Nru 28), id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa l-Onor. Chris Fearne

informa lill-Kumitat li kienu għaddejjin diskussjonijiet mal-partijiet kollha konċernati biex jekk huwa possibbli jintlaħaq qbil dwar l-emenda li possibbilment tista' finalment tiġi ppreżentata.

## XOGĦOL TAL-KAMRA

L-Onor. Andy Ellul informa lill-Kumitat li l-ħsieb tal-Gvern kien li titkompla d-diskussjoni fi stadju ta' Tieni Qari dwar l-Abbozz ta' Liġi dwar il-Prevenzjoni tal-Vjolenza Domestika (Abbozz Nru 30) u dwar l-Abbozz ta' Liġi dwar Emendi u Tħassir ta' Liġijiet Varji dwar l-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali (Abbozz Nru 37). Wara l-Kamra kellha tgħaddi għad-diskussjoni fi stadju ta' Tieni Qari dwar l-Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar il-Bini u l-Kostruzzjoni (Abbozz Nru 48) u dwar l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Abbozz Nru 52).

L-Onor. Ellul żied li wara li jgħaddu dawn l-abbozzi mill-istadju ta' Tieni Qari l-Gvern kien se jibda jressaq ukoll għad-diskussjoni l-estimi ta' numru ta' entitajiet li skont il-liġi kien jeħtiġilhom l-approvazzjoni tal-Kamra.

## XOGĦOL IEĦOR

### Estimi tal-Uffiċċju tal-Ombudsplan u tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa l-Onor Chris Fearne informa lill-Kumitat li d-diskussjoni tal-Ombudsplan għas-snin 2022 u 2023 kif ukoll l-Estimi tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għas-snin 2022 u 2023 kellhom jiġu diskussi fil-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra wara l-1 ta' Mejju 2023.

### Joint Parliamentary Friendship Groups

L-Onor. Andy Ellul informa lill-Kumitat li kien se jkun qed jgħaddi lis-Sedja dokument li jindika liema Membri qed jiġu nominati fuq id-diversi gruppi ta' ħbiberija ma' dawk il-parlamenti li mill-bidu tal-leġiżlatura preżenti wrew interess jew talbu biex jitwaqqfu tali gruppi.

L-Onor. David Agius informa lill-Kumitat li min-naħa tal-Oppożizzjoni il-Membri kellhom ikunu l-Membri nominati fuq il-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra u ċjoè l-istess Onor. Agius u l-Onor. Robert Cutajar bil-possibilità ta' sostituzzjoni fi stadju ulterjuri.

### Outreach Allowance

L-Ispeaker ressaq għad-diskussjoni proposta li kienet diġà mgħoddija lill-Whips fit-2 ta' Frar 2023 sabiex is-sistema ta' rifużjoni ta' kontijiet tat-telefonija u d-distribuzzjoni ta' envelopes li l-Membri Parlamentari huma intitolati għalihom tinbidel għal waħda ta' allowance. L-Ispeaker spjega illi tali proposta hija waħda aktar ġusta għall-Membri kollha,

u li permezz tagħha s-Servizz Parlamentari jkun jista' jutilizza r-riżorsi tiegħu b'mod aktar effiċjenti.

Il-Membri tal-Kumitat ma laħqux qbil dwar din il-proposta u pproponew li deċiżjoni dwar din il-materja kellha tittieħed fi stadju ulterjuri.

Fit-3.36 p.m. il-Kumitat aġġorna għal data li kellha tkun ikkomunikata aktar tard.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**